# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Daniel Sapiano**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M fejn ġie mixli talli :

> fix-xahar ta' Novembru 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maglimulin fi zrninijiet differenti, izda li jiksru I-istess disposizzjonijiet tal-liqi u li gew maglimula b'rizoluzzjoni wahda, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn aktar minn liamest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' *Frank Salt Real Estate Limited,* liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu I-obbligu tar-radd tal-

haga jew li jsir uzu minnha specifikat u l-istess haga giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek.

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Goeffrey Vella tenna li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda u senjatament illi –

1. Matul l-investigazzjoni l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-Pulizija;
2. l-fedina penali tiegħu ma kienetx inkwetanti;
3. fiċ-ċirkostanzi l-Prosekuzzjoni ma kienetx qegħda tinsisti għal piena karċerarja effettiva.

Rat li fid-dawl tat-trattazzjoni tal-partijiet il-Qorti ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-14 ta' Diċembru 2016 il-Probation Officer Svetlana Bezzina ippreżentat ir-rapport tagħha minn fejn jirriżulta li l-imputat kien jeħtieġlu li jkun taħt superviżjoni u li jkollu element ta' deterrent fil-forma ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha. Apparti minn hekk pero jirriżulta li l-istess Uffiċjal tal-Probation, bir-raġun, tenniet li jkun ta' ġid għall-imputat li huwa jsegwi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-droga nonche li jsib l-għajnuna tas-servizz offrut mill-Fondazzjoni għall-vittmi tal-użura. Aktar minn hekk hija tenniet li jkun ukoll ta' ġid għall-imputat li huwa

jingaġġa ruħu f'impjieg li jirrendilu paga stabbli u li ma joffrilux opportunita faċli għal imġieba qarrieqa.

Fil-verita tqis li l-imputat għandu jħallas għal egħmilu b'sentenza ta' priġunerija, b'mod partikolari għaliex tradixxa lil min kien iħadmu u jtih il-ħobża ta' kuljum. Mill-banda l-oħra hemm element imsemmi fil-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li ma humiex ta' min jiskartahom. Il-piena tal-imputat ma għandhiex tkompli żżid mal-piena li sofrew il-vitmi. Il-Qorti trid li l-imputat jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga, billi jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni fil-forma residenzjali tiegħu. Għal dan il-għan ukoll huwa ser jiġi mpoġġi taħt Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tixtiequ li huwa b'hekk jibda jibni ħajtu mill-ġdid. Dan jista' jagħmlu biss bil-bżulija u mhux bl-għażż, serq jew frodi. Irid jaħdem bħal ma jagħmlu l-kumplament taċ-ċittadini onesti. Irid iħallas dejnu mal-vitma. Irid iħallas dejnu mas-soċjeta wkoll billi, wara li jkun għamel il-perkors rijabilitattiv mill-vizzju tal-abbuż mid-droga b'suċċess huwa jwettaq għadd ta' siegħat ta' xogħol fil-komunita. Huwa għandu perjodu ta' sentejn li fihom jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-Qorti tqis li

dan huwa perjodu biżżejjed biex l-imputat iwettaq din ir-riforma importanti f'ħajtu.

Jekk jimxi ma din it-triq il-piena ta' priġunerija li sejjer ikun suġġett għaliha tibqa' sospiża fuq rasu. Jekk ma jimxix ma' din it-triq, il-piena ta' priġunerija ikollu jiskontaha. L-għażla hija f'idejh.

## ***DEĊIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, il-Qorti qegħda ssib lil Daniel SAPIANO ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena il-Qorti qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta′ priġunerija fil-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b′żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta′ superviżjoni (hawnhekk iżjed ′il quddiem imsejħa "ordni ta′ superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t′uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta′ tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta′ superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma′ din is-sentenza u li f′każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma′ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f′każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f′każ ta′ nuqqas t′adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din is-sentenza u tal-ordni ta′ superviżjoni bid-digrieti ta′ llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta′ Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ

lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali nonche l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tas-somma ta' ħamest disa' mija tlieta u ħamsin euro u ħamżin ċenteżmu (€5,953.50) lil Frank Salt Real Estate Limited rappreżentanti l-ammonti ta' flus indebitament approprijati lilha.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum l-24 t'April 2017 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Amm/preż/sent sosp/serv kom

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

*Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Illum: 24 t'April 2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Daniel Sapiano**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'u billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M u residenti Leikim View, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar, jagħti **mitt (100) siegħa xogħol/servizz fil-komunita'** li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita';

3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;

4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;

5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';

7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

8. Din l-ordni tibda fis-seħħ wara li l-ħati ikun wettaq b'suċċess programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż tad-droga u wara li jkun ġie vverifikat mill-Uffiċjal tal-Probation u minn professjonisti magħżula mill-istess Uffiċjal li l-ħati huwa idoneju biex iwettaq din l-ordni ta' servizz fil-komunita. Fil-każ li dan ma jkunx possibbli li jitwettaq fi żmien sentejn mid-data ta' din l-Ordni, l-Uffiċjal tal-Probation għandu jagħmel rikors appożitu lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

*F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.*

**Daniel SAPIANO**

**Doris Serpina, Deputat Registratur**

*Aaron M. Bugeja, Maġistrat*

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

***Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 24 t'April 2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Daniel Sapiano**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M u residenti Leikim View, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M u residenti Leikim View, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar ikun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

5. Il-ħati għandu jagħmel programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż tad-droga u li jtemmu b'suċċess u dan taħt dawk id-direttivi li jista' jingħata mill-Uffiċjal Sorveljanti minn żmien għal żmien.

6. Il-ħati għandu wkoll ikompli jsegwi s-servizz offrut mill-Fondazzjoni għall-vittmi tal-użura u dan sakemm l-Uffiċjal Sorveljanti jidhrilu xieraq.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

**Daniel SAPIANO**

**Doris Serpina, Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja, Maġistrat***

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 24 t'April 2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**vs**

**Daniel Sapiano**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza moghtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M u residenti Leikim View, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-hati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-hati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati **Daniel Sapiano** detentur tal-karta tal-identita' numru 402692M u residenti Leikim View, Flat 2, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin mid-data ta' din is-sentenza b'dan li għandu jwettaq kemm jista jkun malajr programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-dipendenza u abbuz mid-droga taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :-

1. It-Trattament jinkludi dawk it-trattamenti, programmi u jew mizuri kollha li l-Uffical Sorveljanti maħtur bis-saħħa tas-sentenza jidhirlu l-aktar adattat għall-ħati sabiex dan jirrijabilita ruħu kompletament u b'suċċess mill-vizzju tad-dipendenza u tal-abbuż tad-droga;

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti mahtur u li jżomm dak il-kuntatt meħtieġ mal-istess Uffiċjal maħtur lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. Li l-Uffiċjal Sorveljanti maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati mat-tlestija tal-programm/trattament mogħti lill-ħati.

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lil-Uffiċċjal Sorveljanti b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu;

5. Il-ħati ghandu jissottometti ruħu għal "urine test" jew kwalunkwe test ieħor li l-Uffiċjal Sorveljanti jħoss li huwa meħtieġ sabiex jigi verifikat jekk Mallia jkunx abbuża minn xi droga almenu darba fix-xahar liema test għandu jsir mingħajr preavviż u għall-għarrieda u dan minn meta jkun indikat lilu mill-Uffiċjal Sorveljanti.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services.*

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal tal-Probation quddiem il-Qorti kompetenti***.

---

**Daniel Sapiano**

*Doris Serpina, Deputat Reġistratur*

*Aaron M. Bugeja, Maġistrat*